TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 541/10

**Emanuel u Marlene Borg**

**vs**

**Snowhite Laundry**

Illum 23 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitejn, u ħamsa u tletin ewro (€235) rappreżentanti prezz ta' libsa li ttieħdet għal dry cleaning pero' l-proċess ma sarx tajjeb, anzi ġiet agħar.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi ħadu l-libsa għal dry cleaning għall-ewwel darba u sarilha l-ħsara u meta reġgħu ħaduha għal dry cleaning għat-tieni darba, l-libsa reġgħet ġiet agħar.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi ħadu libsa għal dry cleaning darbtejn u li t-tieni darba d-dry cleaning ġie agħar għax iffejdja l-kulur, u li allura l-libsa ma kinitx magħmula tajba.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li spezzjona l-libsa wkoll, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, stante li ma ġiex ippruvat fl-ebda mod jew ħin li l-libsa kienet magħmula ħażina jew ta' kwalita' inferjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u sebgħin ewro (€170), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-libsa tibqa' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888